**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 120 / 2020**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Kenneth Caruana**

Illum, 20 ta' Ottubru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Kenneth Caruana, detentur tal-karta tal-identita numru 154969 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Nhar l-10 ta' Marzu, 2019, ghal habta ta' 21.00hrs, waqt li Elena Caruana kienet gewwa d-dar taghha Nru 31, Massabielle, Triq l-Isqof Tumas Gargallo, Tarxien, flimkien mar-ragel taghha Kenneth Caruana:

1. Bl-imgieba tieghu kkaguna lil Elena Caruana, biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' taghha meta kien jaf jew misshu kien jaf li l-imgieba tieghu ser jikkaguna lill-Elena Caruana, biza' u dan bi ksur tal-Art. 251 B tal-Kap 9. Tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Insulenta, hedded li ser joqtol jew jingurja bi kliem jew b' mod iehor lill-Elena Caruana u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (1) (e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Kenneth Caruana a beneficcju ta' Elena Caruana w dan fit-terminu tal-Art. 412 C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet finalment mitluba li f' kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, tordna lill-imsemmi Kenneth Caruana sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-At. 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilmentmitluba sabiex tittrata mal-akkuzat bhala ricediv ai termini tal-Art. 49 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Lulju, 2020, fejn il-Qorti wara illiberat lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni, b' dan illi wara li rat l-Art 7, 12 u 339 (1) € tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Kenneth Caruana hati tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannathu ghal perjodu ta' xahar detenzjoni effettiva.

Ai termini ta' l-Art. 412 C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti rabtet lill-Kenneth Caruana b' Ordni ta' Protezzjoni ghal zmien 3 snin m' illum ghall-protezzjoni ghal zmien 3 snin m' illum ghall-protezzjoni ta' Elena Caruana. Il-Qorti fissret lil-imputat Kenneth Caruana bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-Ordni ta' Protezzjoni u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Illi wkoll ai termini ta' l-Art. 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti, sabiex taghti garnazija fil-konfront tal-Parte Civile Elena Caruana, rabtet lill-imputat Kenneth Caruana, b' garanzija personali ta' elfejn ewro ghal zmien sena m' illum u dan billi ma jimmolestax, ma jdejjaqx u ma jingurjax lill-parte civile Elena Caruana.

Illi rigward it-talba ai termini tal-Art. 533 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, m ajirrizultax illi gew mahtura xi esperti fil-kaz odjern u ghalhekk m' hemm l-ebda hlas dovut mill-imputat.

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-hati u x' jigri jekk huwa ma joqghodx ghall-kundizzjonijiet ta' l-Ordni tal-Protezzjoni u tal-Garanzija Personali.

Ordnat notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat ir-rikors tal-appellanti Kenneth Caruana minnhu pprezentat fit-30 ta' Lulju, 2020, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata u dana billi:

a) Tikkonfermaha kwantu ma sabetx lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni u fejn iddikjarat illi ma ngabet l-ebda prova dwar ir-recidivita' tal-appellant; u
b) Thassarha in kwantu sabitu hati tat-tieni imputazzjoni u tiddikjarah mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu
c) Fl-eventwalita' lit-tieni talba tigi michuda, li tvarja l-piena hekk kif inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti ghall-piena aktar ekwa u gusta fid-dawl tac-cirkostanzi kollha li jsawwru dan il-kaz.

Rat illi l-esponenti hass ruhu aggravat bis-sentenza moghtija fil-konfront tieghu, u b' hekk qieghed jinterponi dana l-umli appell quddiem dina l-Onorabbli Qorti.

Illi l-aggravji tal-appellant huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**A. <u>Dwar il-Kredibilita' tal-parti leza</u>**

**A.1. Generali**

L-esponenti bir-rispett jishaqq illi r-ragunijiet moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti ghas-sejbien tal-htija, ghalkemm tali ragunijiet huma minimi ghall-ahhar, ma jistghu qatt jitqiesu bhala *'safe and satisfactory to be confirmed on appeal.'*

Minn analizi tas-sentenza appellata jeemrgi car daqs il-kristall illi l-ewwel Onorabbli Qorti, waqt l-ezercizzju taghha tal-gharbiel tal-provi, naqqset milli tiehu konjizzjoni ta' numru ta' nuqqasijiet, inkosistenzi u kontradizzjonijiet fil-verzjoni moghtija mix-xhud primarju tal-Prosekuzzjoni, *ossia* dik tal-allegat vittma.

Kif sejjer jigi amplifikat kemm permezz ta' dan l-appell u sussegwentament fit-trattazzjoni tal-istess, il-verzjoni tal-parti leza mhux talli ma tissiggillax u

ma tipprovax il-kaz tal-prosekuzzjoni sal-grad rikjest mil-Ligi, izda tkompli tohloq dubji cari, liema dubji, a bazi tal-massima *in dubio pro reo* kellu jigu interpretat a favur tal-appellant.

Il-*lurking doubt* li ghalih jirreferu Blackstone, Archbold u l-gurisprudenza nostrana evidentement jezisti fil-kaz odjern u dan fid-dawl tal-fatt illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tilhaq il-livell rikjest mil-Ligi u cioe' dak ta' *beyond reasonable doubt*, u dana kif ser jispjega l-esponenti fis-segwenti aggravji.

**A.2. Dwar ix-Xhieda ta' Elena Caruana u l-Kredibbilita' taghha**

Kif tixhed is-sentenza appellata, l-esponenti, permezz tal-istess gudizzju, instab hati talli nhar l-10 ta' Marzu 2019, insulenta, hedded jew ingurja lill-aprti leza.

Illi f'kazijiet ta' dana l-generu, fejn l-ewwel Onorabbli Qorti ghogobha ssejjes il-gudizzju taghha fuq il-verzjoni tal-parti leza, l-esponenti jemmen illi jkun opportun illi ssir referenza ghal dak li ghallmet dina l-Onorabbli Qorti[1] permezz tas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Noel Buhagiar'**, deciza nhar l-10 ta'April 2008,

> *"…**U fost il-kriterji tal-kredibbilita' hemm dak tad-deportament tax-xhud fl-isbarra tax-xhieda, u dak tal-konsistenza tax-xhieda mal-materjal l-iehor li jkollha quddiemha l-Qorti**." [Sottolinejar tal-esponenti].*

Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali li jistipula li ghal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taht l-artikolu 636 tal-Kodici Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun mehtiega x-xhieda taghhom, jew fir-rizultat tal-kawza : -

> *"id-decizjoni (dwar il-kredibbilta' ta' xhieda) tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi **jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u***

[1] Per Onor. Imhallef J, Galea Debono

***karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu,*** **u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz**." [Sottolinejar tal-esponenti].

F'dan ir-rigward, issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Daniel Gatt'** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar id-19 ta' Dicembru 2019, per Onor. Imhallef Aaron M. Bugeja, fejn intqal hekk:

> *"Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jghid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qieghed jghid. U huwa ghalhekk li jezisti wkoll ir-reat ta' spergur ghaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qaghda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull kaz, il-Qorti ma ghandhiex il-fakulta u s-setgha li tidhol fil-profondita' tal-mohh, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi c-certezza assoluta ta' dak li jkun qed jahseb u jghid billi taqralu mohhu u qalbu."*

Minn ezami approfondit tax-xhieda moghtija mill-*parte-civile* Elena Caruana fl-udjenza quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti ta' nhar is-26 ta' April, 2019, jemergu diversi inkonsistenzi u kontradizzjonijiet.

Permezz tad-deposizzjoni taghha ta' nhar is-26 ta' April, 2019, il-parti leza xehdet bil-gurament taghha illi l-incident mertu tal-kaz de quo ma kienx l-uniku incident illi kien hemm bejn il-partijiet izda ghad-dirittura xehdet illi "rapport lanqas [t]af kemm -il wiehed gham[let]"[2] u mhux l-ewwel darba illi l-partijiet telghu il-qorti. Madanakoluu tifli kemm tifli l-atti processwali, ma tezisti l-ebda prova ammissibbli illi tikkorrabora l-verzjoni tal-parti leza – mhux talli ma tezisti l-ebda prova, izda ghall-kuntrarju tali allegazzjoni serja la qatt issemmiet mill-Prosekuzzjoni u wisq anqas gew prodotti xi rapporti illi l-parti civili allegat illi ghamlet fil-passat u lanqas saret referenza mill-Pulizija dwar xi procedimenti gudizzjarji illi setghu kien hemm bejn il-partijiet fil-passat.

[2] Fol. 43 tal-Atti Processwali

Matul id-deposizzjoni taghhna, il-parti leza allegat ghal darba, darbtejn, tlieta illi l-esponenti kien qieghed jheddidha, jingurjaha u joffendiha u sahansitra baqa' bl-istess atteggjament quddiem l-ufficjali tal-Pulizija – madanakollu din ma hija xejn ghajr allegazzjoni ohra illi l-parti leza ghogobha tohloq – allegazzjoni msejsa fuq gideb, ghira u xewqa ta' Elena Caruana illi tiehu vantagg mill-proceduri kriminali sabiex l-esponenti jigi svantaggat fi proceduri quddiem il-Qorti tal-Familja. B'xorti tajba - il -provi l-ohra kollha illi tressqu fil-mori ta' dawn il-proceduri jikkontradixxu dak li allegat il-parti leza.

Fil-waqt li Elena Caruana xehdet illi t-tghajjir baqa' ghaddej gewwa l-ghassa tal-Pulizija tant hu hekk illi l-puliizja kollha illi kienu qeghdin gewwa l-imsemmija ghassa "semghuh"[3] jghajjarha kif ukoll semghuh jheddida illi kien sejjer joqtolha – kemm mill-affidavit tas-Surgent PS1480 Sandro Mallia ezebiet a fol. 56 et. seq. tal-atti processwali kif ukoll mill-PIRS report a fol. 15 et. seq. tal-atti jirrizulta diametrikament l-oppost.

PS1480 permezz tal-affidavit tieghu xehed illi "*meta l-Pulizija dahlet gewwa sabet kollox kwiet u lil Kenneth sabitu fil-kamra tas-sodda*". Fl-ebda moment PS1480 ma jikkorrabora dak li stqarret il-parti leza, ossia illi l-esponenti beda joffendiha u jheddiha sahansitra fil-presenza tal-Pulizija – anzi PS1480 jghid l-oppost.

Elena Caruana tallega ukoll illi l-esponenti mhux talli beda joffendiha u jheddidha gewwa l-ghassa tal-Pulizija – allegazzjoni illi effettivament giet ppruvata illi hija gidba – izda sostniet illi l-appellant odjern kien sahansitra harab minn gewwa l-ghassa tal-Pulizija u reggha mar jorqod id-dar!!

B'kull dovut rispett imma kieku effettivament sehh hekk, kieku l-Pulizija mhux talli kienu jsemmu dan il-fatt fil-PIRS report taghhom izda sahansitra kienu johorgu l-akkuzi ta' dan ir-reat. Di piu' ghal darba ohra, PS1480 ma jsemmix xejn minn dan fl-affidavit tieghu ghalkemm kien kontinwament prezenti mal-appellant.

---

[3] Fol. 45 tal-Atti Processwali

Il-parti leza allegat ukoll illi l-esponenti kien ilu disgha sieghat joffendiha u jheddidha izda meta cemplet lill-Pulizija qaltilhom li ma tridx l-assistenza taghhom[4] – kemm tali allegazzjoni hija inverosimili jehtieg li tigi mixtarra minn dina l-Onorabbli Qorti. Dan ghandu jigi kkunsidrat fid-dawl tal-fatt illi l-Pulizija Ezekuttiva lanqas fuq dan il-punt ma kkorraboraw il-verzjoni tal-parti leza.

L-esponenti bir-rispett jistaqsi:

X' interess ghandhom il-Pulizija illi jghattulu lill-esponenti?

Min ghandu interess illi jhammgu lill-esponenti – il-Pulizija jew Elena Caruana?

Kif setghet qatt l-ewwel Onorabbli Qorti temmen lil Caruana u ma temminx lill-Pulizija Ezekuttiva?

Pero' dawn il-gideb mhumiex l-unici gideb illi l-parti leza ghogobha taghmel fil-konfront tal-esponenti matul id-deposizzjoni taghha. Il-parti leza tallega illi l-esponenti jbati mill-vizzju tax-xorb, tant hu hekk illi dak in-nhar kien ilu jixrob ghal minn ta' lanqas disgha sieghat! Madanakollu meta l-istess Elena Caruana tallega illi l-appellant harab mill-ghassa, hija tallega illi f'sakra li ma jarax art, l-esponenti "f'hames minuti dahhal il-karozza fil-garaxx, u dan xurba u jsuq. U dahal fis-sodda".

B'kull dovut rispett imma kieku l-ewwel Onorabbli Qorti applikat il-buon sens, kieku ma kienet tasal qatt ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. Anke kieku ghall-grazzja tal-argument, l-esponenti harab minn gewwa l-ghassa – kif setgha qatt f'hames minuti saq il-vettura tieghu, fetah il-bieb tal-garaxx, dahhal il-karozza minghajr ma kkawza xi hsarat, reggha ghalaq il-bieb tal-garaxx, mexa ghar-residenza tieghu u dahal fis-sodda u dan kollu meta kien f'sakra li ma jarax art hekk kif allegat il-parti leza?

U jekk kien fis-sakra, il-Pulizija ma hadu l-ebda azzjoni? U jekk ma hadu l-ebda azzjoni, lanqas referenza li kien jidher xurban jew kellu riha ta' xorb ma ghamlu?

[4] Fol. 45 tal-Atti Processwali

Ir-raguni ma tridx forza – wiehed ma jridx wisq gherf biex jintebah li l-parti leza qieghda tigdeb u xejn aktar.

Dan kollu ghandu jkun ikkunsidrat fid-dawl ta' dak li xehdet il-haddiema tal-Agenzija Appogg Silvana Calleja nhar is-26 ta' April, 2019 fejn stqarret illi hija "ma xammetx riha ta' xorb".[5] Kif jista jkun persuna illi jkun ilu jixrob gurnata ma jinxtammx riha ta' xorb u ma jidherx fis-sakra?

Dwar is-sakra tal-esponenti, il-parti leza ghal darba ohra terga' titgiddeb mill-ufficjali tal-Pulizija li investigaw il-kaz odjern. Kemm skond il-PIRS report kif ukoll mill-affidavit ta' PS 1480 Sandro Mallia jirrizulta illi dak il-hin stess, l-appellant gie mitkellem mill-Pulizija.

Minghajr ebda tlaqlieq jinghad illi kieku dak li allegat il-parti leza kien veritier, kieku certament il-Pulizija ma kienux jinterrogaw lill-esponenti f'dak il-mument stante li kien ikun ghadu taht l-effett tax-xorb u l-interrogazzjoni tkun ittiehdet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-appellant.

**A.2 Dwar Xhieda ohra illi setghu jitfghu dawl fuq l-allegat incident de quo**

Matul id-deposizzjoni taghha, il-parti leza sostniet illi waqt li beda joffendiha

cemplet ommha ghal darba darbtejn u qaltilha li ma kienetx f'kundizzjoni li titkellem.[6] Sussegwentament omm il-parti leza infurmat lil bint il-partijiet, u t-tifla tal-parti leza wasslet lil Elena Caruana l-ghassa.

Madanakollu la omm il-parti leza u wisq anqas bintha ma ttelgghu jixhdu sabiex jikkorraboraw il-verzjoni tal-parti leza.

Illi bir-rispett qieghed jinghad illi fi proceduri penali, huwa bazilari li l-Prosekuzzjoni trid tipprova u effettivament kien jinkombi fuq l-istess Prosekuzzjoni sabiex tharrek dawk ix-xheida kollha illi b'xi mod jew iehor setghu jitfghu dawl fuq dak li allegat il-parti leza specjalment fid-dawl tal-

[5] Fol. 41 tal-Atti Processwali
[6] Fol. 44 u 45 tal-Atti Processwali

inkonsistenzi kollha hawn fuq elenkati – madanakollu fil-kaz odjern ma garax hekk u dawn ix-xhieda baqghu qatt ma tharrku sabiex jaghtu l-verzjoni taghhom.

**A.3 Konkluzjoni**

Konsegwentament, fid-dawl tal-premess; senjatament fid-dawl tal-inkonsistenzi kollha li jemergu mix-xhieda tal-parti leza Elena Caruana, l-esponenti jemmen bis-shih illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt issejjes il-gudizzju taghha fuq il-verzjoni tal-istess parti leza stante li din il-verzjoni mhix wahda konsistenti, kredibbli u/jew korroborata.

**B. <u>Dwar il-Piena</u>**

Dan l-aggravju qieghed jitressaq 'il quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti u ghandu jkun ikkunsidrat biss fl-eventwalita' li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-htija hekk kif misjuba mill-ewwel Onorabbli Qorti.

**A.1 Generali**

Illi fl-umli fehma tal-appellant, tenut kont ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, il-piena mposta fuqu ma hijiex wahda ekwa u gusta ghal kaz odjern u b'hekk timmerita temperament. Jinghad ukoll li filwaqt li l-gudikant, fil-ghoti tal-piena ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta' u tar-reazzjoni tal-istess socjeta', madanakollu l-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta tal-pubbliku in generali. Kif sostna Lord Justice Lawton fil-kaz <u>R v Sargeant</u>[7]:

> ***"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public***

[7] (1974) 60 Cr. App. R. 74.

***opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."***

L-ewwel Onorabbli Qorti *inter alia* kkundannat lill-esponenti ghal perjodu ta' xahar detenzjoni effettiva.

Fid-dawl tat-tipologija tal-kaz odjern, il-*buon sens* jissuggerixxi illi l-ewwel Qorti kellha tqieghed diversi cirkustanzi fil-kfief tal-mizien ghall-fini ta' piena.

L-appellant, bhal kull persuna ohra tas-socjeta', ghandu d-dmirijiet kif ukoll id-drittijiet fundamentali tieghu li ghandhom jigu dejjem salvagwardjati, anke jekk *dato ma non concesso* jinstab hati. Ghaldaqstant, l-esponenti m'ghandux ikun suggett ghal piena harxa u sproporzjonata. F'cirkostanzi li huwa jigi suggett ghal piena sproporzjonata, ikun hemm lezjoni tad-drittijiet tieghu.

Artikolu 49(3) tal-**Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea** jistipula li ***"Is-severità tal-piena m'ghandhiex tkun sproporzjonata ghar-reat."***

Sabiex wiehed jistabilixxi jekk piena tosservax il-principju tal-propozjonalita' jezistu diversi ezamijiet. Fil-fatt, il-**Linja Gwida tal-Kunsill Ewropew tal-Kompatibilita ta' Drittijiet Fundamenta**li jispjega li *"the proportionality principle requires the measure to have a direct and logical link with the purpose of achieving the objective pursued"*.

Illi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tifhem u tapprezza l-aggravvju tal-esponenti, ossia li l-piena imposta fuqu, hija wahda sproporzjonata, l-esponenti sejjer jaghmel referenza ghal diversi sentenzi rigwardanti imputazzjonijiet simili ghal dawk odjerni.

Qieghda ssir referenza ghal sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti[8] deciza nhar l-14 ta' Lulju, 2020 fl-ismijiet '**<u>The Police vs Jeremiah Ani'</u>** fejn il-Qorti rriteniet illi:

> *"Furthermore this Court varies the judgment of the Court of Magistrates also in relation to the finding of guilt in relation to the fourth charge, whereby this Court confirms the appellant's guilt in relation to the fourth charge, however for the reasons mentioned above, not in terms of article 18 of the Criminal Code, but finds him guilty of the two separate instances of breach of article 339(1)(e) of the Criminal Code that were proven to have happened on the 30th September 2018 and on the 7th October 2018. The Court has also taken note of the submission made by the parte civile that since the date of the judgment there was no repetition of previous incidents and that the parte civile was insisting on having the Restraining Order in place. Consequently, this Court revokes the punishment that was meted out against the appellant in the appealed judgment limitedly to the sentence of one year imprisonment suspended for two years in terms of article 28 A of the Criminal Code and in view of the fact that the appellant was acquitted from the third charge but found guilty of two contraventions included in the fourth charge, replaces that punishment by an ammenda of one hundred sixteen euro forty six cents (€116.46)."*

Qieghda ssir referenza ukoll ghal sentenza ohra ta' dina l-Onorabbli Qorti[9] fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs Darren Bugeja'</u>** deciza nhar il-11 ta' Lulju, 2019 fejn il-Qorti rriteniet illi:

> *"Fl-istess ħin pero' din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li l-fatt li tiegħu l-imputat appellanti qiegħed jinstab ħatja huwa ta' ċertu gravità tenut kont tal-fatt li dak li intqal fil-konfront tal-kwerealnt kien diskors mhux xieraq u stmerrija. B'danakollu, in vista tal-fatt li l-appellanti għandu impieg fejn proprju jghidn min qed ibati b' learning disability din il-Qorti hi tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ għandha timmitiga l-piena imposta mill-ewwel Qorti.*

[8] Per Onor. Imhallef A. Bugeja
[9] Per Onor. Imhallef C. Scerri Herrera

*Il-miżura li forsi kienet tkun dik l-aktar indikata fiċċirkostanzi ta' dan il-każ kienet tkun is-sospensjoni tal-piena ta' detenzjoni imposta mill-ewwel Qorti iżda, billi l-liġi fl-artikolu 28 (1) tikkontempla biss is-sospensjoni ta'sentenzi ta' priġunerija, din il-Qorti hi prekluża milli taddotta tali miżura ta' sospensjoni.*

*Għalhekk, peress li l-Qorti tibqa' tal-fehma li, għar-raġunijiet imsemmija, għandha timmitiga l-piena imposta mill-ewwel Qorti, sejra tissostitwixxi l-piena ta' detenzjoni imposta mill-ewwel Qorti b'piena ta' natura pekunjarja li tkun qrib il-massimu previst mil-liġi. Għaldaqstant il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha f'dik il-parti fejn il-Qorti kkundannat lill-imputat appellanti għall-piena ta' sebat ijiem detenzjoni u minnflok, wara li rat l-artikolu 13 (1) tal-Kodiċi Kriminali, tikkundannah għall-piena ta' ammenda ta' hamsin euro (€50) ghal kul kontravenzjoni u ghalhekk tikkundannah ihallas is-somma ta' mitt ewro (€100), u tikkonfermha fil-bqija."*

Finalment b'mod konkluzziv l-esponenti qieghed jaghmel referenza ghal sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Peter Paul Cortis'**[10] fejn il-Qorti wara li sabet lill-imputat hati tal-kontravenzjoni taht l-artikolu 339 (1) (e) ikkundannat lill-hati ghallhlas komplessiv ta' ammenda ta' tmienja u hamsin Ewro (EUR 58).

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-22 ta' Settembru, 2020.

Ikkunsidrat

Illi dan l-appell tal-appellant huwa bazat principalment fuq il-kwisjtoni ta' kredibilta tax-xhud parte civile Elena Caruana . Fi kwestjoni ta' kredibilita` u apprezzament ta' provi l-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk dik l-ispjegazzjoni hijiex possibbli u minn lewn id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja u jekk il-prosekuzzjonui irnexxilhiex tipprova l-kaz taghha sal grad rikjest mill-ligi u cioe' lil hin kul dubbju dettat mir-raguni. Jizdied jinghad ukoll li l-fatt li xhud ibiddel il-versjoni tieghu ma jfissirx necessarjament li dak ix-xhud m'ghandux jigi emmnut, ghax altrimenti jigi vanifikat l-iskop kollu tal-Artikolu 522

[10] Deciza nhar it-30 ta' Ottubru, 2019 per Mag. Dr. S. Grech

tal-Kodici Kriminali. Ifisser, pero`, li l-gudikant ghandu jiehu dana l-fatt in konsiderazzjoni flimkien mac-cirkostanzi l-ohra kollha indikati fl-**Artikolu 637** tal-imsemmi Kap. 9 biex jiddeciedi finalment x'ghandu jemmen jew ma jemminx. Illi ghalhekk a bazi ta' dan il-fatt li l-Qorti trid tiehu qies ic cirkostanzi kollha tal-kaz ghandha tesamina x-xhieda kollha prodotta u tifli l-proci prodotti qabel ma tasal beix tara jekk ix-xhud Elena Caruana hiex kredibbli jew le.

Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il- Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni.

Illi l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti ta' l-ewwel grad ma ghandux normalment jigi ddisturbat minn Qorti ta' kompetenza superjuri u ghandu jsir biss f'dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali illi jikkonvincu lill-Qorti ta' revizjoni illi l-apprezzament ta' l- Ewwel Qorti kien tant zbaljat illi altrimenti tkun ser tigi krejata ingustizzja. Dan ghaliex huwa car li l-Ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tisma' x-xhieda viva voce u kienet f'qaghda ferm aktar favorevoli biex tifforma opinjoni obbjettivament korretta tal-kredibilita` o meno taghhom. Vantagg li l-Qorti ta' l-Appell generalment m'ghandhiex. Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa' fuq ir-regola "in dubio pro reo".

Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghall-izbalji tal-percezzjoni tieghu u ghall passjoni, huwa haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx gej minn semplici differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu certu grad ta' tolleranza u li ghalihom sewwa inghad "tot homines tot sentetiae", u lanqas ma jkun gej minn versjonijiet differenti "bona fide" fuq incidenti li jigru u jintemmu malajr u ghalarieda e.g. identita', velocita' ta' veikoli, u cirkostanzi ohra subitanei li fuqhom skond l-esperjenza komuni, s-sensi jistghu jitqarqu, imma ghall kuntrarju dan dan il-konflitt jkun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setghu gew osservati f'perjodu twil ta' snin bhal f'dan il-kaz, allura isir car li wiehed mill-kontendenti jkun halla l-interess u l-passjoni tieghu jeghlbuh u b'hekk jabbuza mill-process gustizzja. Meta l-kaz ikun hekk il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappotoja tad-dubju, imma ghandha tezimina bl-ikbar reqqa jekk xi wahda mill-versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke jekk fuq bilanc tal-probabilita' u preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall konvinciment tal-gudikant (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**[11]; **Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi**[12]; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[13]; **Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[14] u ohrajn .)

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti ghalhekk sejra tezamina l-atti u appuntu tifli ix-xhieda u provi prodotti sabeix tasal u tara jekk effettivament l-ewwel Qorti waslitx ghal gudizzju hazin meta emnet ix-xheida ta' Elena Caruana a skans li temmen dik tal-appellant u sabitu hati tat-tieni akkuza u kkundannatu xahar detenzjoni effettiva, oltre l-hrug ta' Ordni t Protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-kap 9 u garanzija favur –parte civile ai termini tal-artikolu 383 tal kap 9 tal-ligijiet ta' Malta a favur l-*parte civile.*

---

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Mejju 1994-
[12] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Frar 1989
[13] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991
[14] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991

L-**ispettur Paul Camilleri** xehed nhar il-5 ta' April, 2019[15] u kkonferm ali nhar l-10 ta' Marzu 209 kien cempillu surgent mill-Ghassa tal-pulzija li rraportalu li kien hemm kaz ta' allegat vjolenza domestika rapportat minn Elena Caruana. Huwa hass li kellu jinforma lill-appogg sbaeix jghamlu risk assessment ta' livell gholi. Huwa zamm lill-appellant arrestat fuq dak li intqal lilu ul-ghada hadlu stqarrija li tinsab eebita fl-atti u markata bhala dok PC 5 a fol. 13 tal-atti u l-appellant tressaq b'arrest.

**Silvana Calleja** xehdet nhar is-26 ta' April 2019[16] u spjegat li hija kienet irredigiet *risk asessment* li jinsab esebit fl-atti a fol. 19 et seq markat bhala dok PC 7. Spjegat li din Elena qaltilha li zeghha l-appellant ghandu problema ta' alkohol u dakinhar kien beda jixrob il-birra minn filghodu u meta mar d-dar hija kienet qed tistrieh u beda isabbat fuq il-bibien. Spjegat li qisu dakinhar kien differenti mis-soltu minkejja li l-konsum tal-akohol kien fuq bazi regolari. Qalet li dakinhar l-imgieba tieghu kien differenti u ghalhekk qalet li setgha ha xi drogi ukoll. Qaltlu biex hieqaf mit-tisbit u dan wegibha li jekk tara xi demm ma tiehux qata' u ghalhekk cemplet lill-pulizija ghax bdiet tibza li kien ser jghamlilha xi haga . Qaltilha li ma kienx l-ewwel darba li refa idjegh fuqha u ma kienitx l-ewwel darba li heddidha b'hajjietha bhal *'jien noqtlok, jien natik daqqa ta' sikkina mhux ha inhallik bi kwietek jekk nisseparaw'*.

Qalet li ghaxar snin qabel kien hemm incident iehor ta' vjolenza domestika fejn sahansitra l-appellant kien ksier saqajn l-kwerelanti u kienhemm theddid b'sikkina. Qaltilha li kien hemm diversi rapporti li saru minnha qabel u kul darba li gehret il-Qorti hafritlu.

Ikkonferma li l-kwerealnti dakinhar kienet emozjonata hafna tant li anke bdiet tibki u li tibza tmur d-dar ghaleix nezghet li jkunhemm iktar vjolenza domestika. Misotqsija jekk keinx hemm abbuz fiziku dakinhar tghid li le ma irrizultalhiex li kien hemm. Qalet li ghamlulha safety plan beix tmur go shelter izda ma riditx tidhol fix-shelter. Qalet li l-pulizija talbuha biex tghamel risk assessment fuq zewghha li kien qieghed l-ghassa izda meta marret tkelmu dan kien irrabjat hafna u irrifjuta li

[15] Fol. 35
[16] Fol. 38

jitkellem maghha.. Mistoqsija jekk kienx xurban tghid li ma tafx pero' ma xammtix riha ta' xorb. Dan kollu sehh bejn is-1.00a.m u is-2.00a.m.

**Elena Caruana** xehdet nhar is-26 ta' April, 2019 u kkonfemrat li tigi l-mara tal-appellant Kenneth Caruana u li ilhom mizzewgin 22 sena u daqshekk ilha tbati minn vjolenza. Spjegat li nhar l-10 ta' Marzu, 2019 marru jixtru flimkien minghand il Carters u zewghha kien gja xurban u dan kien ghall-habta ta' 12.00p.m.

Spjegat li kif zewgha jara li wara nofs inhar trid tistrieh ftit tatih rasu u jibda isabbat il-bibien, ihaxwex il-boroz, isabbat il-borom u ma ihallihiex torqod. Qabel ma marru jixtru zewgha kien il-garage sa fejn taf hi u hija kienet id-dar. Qalet li mill-ewwel induant li kien xubran, ghajnejgh imbuttati 'l barra, ma kienx normali. Qalet li dejjem bil-glied u ghamlet diversi rapporti telghin u nizlin l-Qorti u tilfet amment ta' kemm il-darba telghu l-Qorti. Qalet li kienet tahfirlu minhabba il-€200 euros li kien itiha paga fil-gimgha. Kien ighidilha li kien ser joqtolha bil-guh.

Dakinhar ghall-habta tas-1.00p.m ra li kienet ser tidhol fis-sodda u beda isabbat u qamet. Bdiet gejja ugiegh tar-ras u staqsietu ghaliex kien qed isabbat u ghaliex ma ihallihiex torqod u bdew jitghajru u jghidilha biex taghmel suwicidju kif kien ghamel huha hames snin qabel. Qalet li beda jghajjarha b'ommha. Imbaghad telghet tahsel il-hwejjeg u tiknes l-art sakemm daru l-hwejjeg. Wara nizlet u sabitu fuq is-sodda ghajnejgh ibbuzzati, u kien ikkargat ghaliha. Regghu bdew bl-attakki u hadet l-insulina. Ridet titfi l-*lampshade* sabiex forsi jorqod izda dakinhar ma seta jorqod b'xejn. Cempletilha ommha biex tistaqsiha kif kienet izda ma setghetx twegibha ghaliex kien il-hin kollu jattakka u qaltilha le u '*qaltilha jaqaw rega xorob*?'. Beda jghajjarha bit-tifla ghaliex telqet tghix ma l-gharus taghha ghax ma felhitx iktar bit-tghajjir.

Ghall-habta tat-8.00 p.m qalli '*illum carcir tad-demm irid isir*' u qabdet l-imhadda, *charger* u mobile u qalet li ma kienitx ser torqod hdejh. Marret fi-kamra tat-tifla ghaliex hasbet li seta jghatiha daqqa bis-sikkina f'darha jew f'ghonqa. Qaltlu biex ma jifthiliex il-bieb u dan sfidaha u fetah il-bieb u hija tghalaq il-bieb u regghet cemplet

ommha u wara cemplet il-pulizija. Qallha biex iccempel lil Frankuni ghaliex kienet mignuna. Cemplet l-ghassa pero′ ma qaltilhomx biex imorru ghaliex hasbet li iktar isir gravi u qalulha li jekk trid l-assistenza terga ccempel.

Ghall-habta tad-9.00/9.30p.m regghet cemplet u gew. Cemplet ghaliex bezghet minnu. Kien il-hin kollu iqum ixommha tpejep sigarett fil-kcina u mar hdejha u b′aggressjoni qallha illum noqtlok u anke fl-ghassa qallha dawn il-kliem. Meta waslu l-puliizja qalilhom biex johduha maghhom. Il-pulizija ridet tohodhom flimkien izda ma ridx imur. It-tifla waslitha l-ghassa. L-ghassa zewghha beda jghajjat ukoll. Waqt li tal-appogg kelmuha ghajjarha kemm felah u l-pulizija semghuh. Imbaghad zewghha telaq id-dar u kellha tibghat it-tifla tiftah u zewghha rega ittihet l-ghassa u meta raha hemm l-pulizija ghamlilha sinjal biex tibqa′ barra u arrestawh.

Il-prosekuzzjoni esebiet ukoll l-affidavit ta′ **PS 1480 Sandro Mallia**[17]**.** Dan stqarr li nhar l-10 ta′ Marzu, 2019 ghall-habta tad-9.30-.m Elena Caruana infurmat lill-pulizija tal-ghassa ta′ Paola li zewghha Kenneth Caruana kien qieghed jinsulentha u jheddidha bil-kliem. Il-pulizija marret fuq il-post fejn fil-bieb kien hemm Elena Caruana tistenna u meta l-pulizija dahlet gewwa sabet kollox kwiet u lil Kenneth sabitu fil-kamra tas-sodda.

U kif sejhulu dan qam mill-ewwel u z-zewg partijiet bdew isemmu divesi affarijiet u anke kwazi regghu bdew jargumentaw bejniethom u ghalhekk gie deciz it-tnejn li huma jinzlu l-ghassa tal-pulizija ta′ Paola halli jkompli jsir l-istharrig.

Huwa kkonferma ma Elena Caruana u ma kenneth Caruana jekk xi hadd minnhom kienx gie aggredit izda dawn it-tnejn kkonfermaw li hadd minnhom ma hebb ghal xulxin u hadd ma sofra ebda griehi.

Elena stqarret mal-pulizija is-segwenti:-

*"Morna nixtru minghand ic- Chains (Carters) hekk kif gejna d-dar Kenneth kien diga xurban u kompla jixrob. Kif kont ha nintefa norqod beda ihaxwex, isabbat il-borom kif ukoll il-bibien*

[17] Fol. 56 dok PC 1

*tal-cupboard u qaltlu ghaliex qed isabbat ma thallinix norqod'*. Beda jghajjarha b'huha l-mejjet u anke ghax it-tifla telqet mid-dar. Beda ighidilha biex tmur l-incognito ghax hemm huwa l-post tal-hamalli u beda jghajjarha b'ommha. Beda jghidilha *'dik in-nana ommok'* u wegbitu *'mela tixbah l-ommok'*. Waqt li kient qed tara it-televixin qallha li kien ser 'ixoqqha u qabdet l-imhadda u marrret fil-kamra tat-tifla. Beda diehel u hiereg il-kamra u ma hassithiex safe. Avzatu li kienet ser iccempel lill-pulizija u qallha *'cemplilhom ta' frankuni'*. Imbaghad qallha *' il-lejla noqtolok'*.

Wara tkellem ma Kenneth Caruana u dan ghazel li ma iwegib ghal xejn. Hija infurmat lill-ispettur u dan sejjah lil tal-Appogg sabiex ighamlu *risk assessment*. Dawn ezaminaw lil Elena u iddecidew li dan kien kaz gholi ta' domestic violence. Wara l-appellant gie infurmat li kien taht arrest.

Ikkunisdrat.

Illi id-difiza issostni li l-parte civile ma kienitx kredibbli u konsistenti f'dak li qalet. Tibda billi tghid li l-parte civile stqarret li kemm damet mizzegha 22 sena dejjem kellha problemi l-aappellant zewghha minhabba aggressjoni u li telghu l-Qorti diversi drabi pero' kul darba kienet tahfirlu. Id-difiza tghid li ma dan mhux minnu peress li fl-atti ma jirrizutlax li effettivament kien hemm proceduri l-Qorti u li effettivament kienet hafret lill-appellant tal-agir tieghu. Jinghad li huwa minnu li fl-atti ma hemmx sentenzai tal-Qorti dwar dan pero' min naha l-ohra l-appellant ghazel li ma jichadx din il-prova bil-gurament tieghu. Id-difiza tista tghid li hija xhieda mhux korrobroata b'evdenza dokumentarja meta setghet isahhah ix-xhieda taghha b'dan il-mod pero' dan ma jfissirx li dak li qalet kien inveritier. Hawnhekk minkejja nuqqas ta' sentenza tal-Qorti , issir refernza ghall-fedina penali tal-appellant esebita fl-atti u jirrizulta li fis-sena 2009 l-appellant kien gja instab hati talli kkaguna ferita ta' natura gravi fuq martu.

Id-difiza tghid li l-parte civile stqarret li l-appellant baqa' bl-atteggjament tieghu ta' tghajjir anke quddiem il-pulizija pero' dan mhux minnu ghaliex fil-fehma taghha l-prosekuzzjoni ma resqet l-ebda xhud biex jikkonfema dan il-fatt minkejja li

allegatament kien hemm ufficcjali tal-pulizija li setghu semghu xi diskors. Jinghad li PS 1480 li xehed permezz ta' affidavit jghid li meta l-appellant u martu l-parte civile kienu l-ghassa it-tnjen bdew isemmu affarijiet u anke kwazi bdew jargumentaw bejniethom u kien ghalhekk li gie deciz li jiehu t-tnejn li huma l-ghassa beix ikomplu jinvestigaw f'iktar dettal. Silvana Calleja, social worker li kienet l-ghassa mistoqsija kif kien l-appellant tghid li kien irrabjat hafna.[18] Jinghad li din ix-xhieda tal-parte civile ma gietx kontestata mill-appellant b'xi xhieda minn tieghu u d-difiza lanqas ghogobietha tharrek lil PS 1480 in kontro esami biex tistaqsih kif kienu qed jargumentaw jew ghaliex hass il-htiega li johodhom l-ghassa. Jinghad li l-fatt li dak li qalet il-parte civile ma hux korroborat minn xhud iehor ma ifissirx *in se* li mhux veritier. Li hu zgur hu li dak li qalet lill-pulizija li ha l-okkorenza u dak li qalet il-Qorti zmien wara huwa l-istess u dan jaghti kredibilta lix-xhud f'dak li qalet ghax jammonta ghall- konsistenza

Jigi rilevat li l-appellant kif kellu kul dritt jghamel ghazel li ma jixhedx u lanqas li iressaq provi u ghogbu jistrieh fuq ix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni billi jipprova ixejjen dak li intqal mill-parte civile. Illi fl-atti ma hemm l-ebda xhieda li jikkontrasta ma dak li stqarret il-parte civile u x-xhieda taghha hija vero simili u attendibbli bizzejjed li issir referenza ghall-fedina penali tieghu li hija mimlija convcitons li saru fuq medda ta' zmien u uhud minnhom jikkoncernaw kagunar ta' feriti gravi fuq terzi persuni fejn inghatha sentenzi ta' priguneriji sospizi.

Dan kollu premess, ghalhekk, din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni taghha li is-sejbien u dikjarazzjoni ta' htija ta' l-appellant mill-ewwel Qorti in bazi tax-xhieda ta' Elena Caruana hija "safe and unsatisfactory".

Hawnhekk, din il-Qorti qed tirriproduci dak li intqal fl-appell fl-ismijeit **Il-Pulizija – vs- Michael John Turner**[19]", deciz minn din il-Qorti, diversament presjeduta fejn ikkwotat dak li qal Lord Chief Justice Widgery in R. v. Cooper (1969) 1 QB 276, viz:

---

[18] Fol. 40

[19] Deciz mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminal inahr is-7 ta' Jannar 1998

*"An appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (fil-kaz odjern dan japplika ukoll ghad-decizjoni tal-Magistrat) because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case, including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings, leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*

Il-Qorti ma tarax li l-gudizzju milqugh mill-ewwel Qorti a bazi tax-xhieda ta' Elena Caruana kien wiehed skorrett.

Dwar il-piena imposta d-difiza issotni li kienet wahda eccessiva stante li l-appellant instab hati ta' kontravenzjoni wahda u inghata piena ta' detenzjoni ta' xaghar effettiv u cioe' il-massimu. In oltre izzid id-difiza li l-Qorti kellha tiehu in konsiderazzjoni l-impatt tar-reat fuq is-socjeta' u tar-reazzjoni ta' l-istess socjeta ghal tali offiza. Thoss li l-piena kienet wahda spoprozjonata. Ma hemmx dubju li dan kien każ ta' vjolenza domestika fis-sens talartikolu 543(e) tal-Kodiċi Kriminali.[20] Ma hemmx dubbju jew kontestazzjoni dwar il-fatt li l-Qrati tagħna f'sentenzi taghhom ghandhom jirriflettu dak li wara kollox ried il-leġiżlatur meta permezz ta' emendi riċenti żied sostanzjalment il-pieni li ghandhom jiskontaw dawk il-persuni li jagħmlu dawn it-tip ta' reati.

Il-Qorti hija sodisfatta li effettivament l-appellant verament hedded lil martu Elena Caruana li kien ser joqtolha u kliem bhal dawn m'ghandhom jinghaddu qatt molto piú fir rigward ta' membri ta' l-istess familja. Il-Qorti rat il-fedina penali tal-appellant eesbita fl-atti u ghalkemm ma jirrizultax li l-appellant huwa recidiv fit-termini tal-ligi xorta jirrizulta li ghandu antecidenti refrettarja li tinkludi reati li saru fuq il-persuna fejn instab hati f'zewg okkazjoni li kkaguna feriti ta' natura gravi fuq terzi persuni darba minnhom sahansitra anke fuq martu Elena Caruana. Jinghad li fil-fatt f'din l-okkazjoni fejn instab hati inghata probabtion ghall-perijodu ta' sentejn. Cio'

[20] in kwantu jittratta att ta' vjolenza, anke jekk verbali biss li ssir minn membru domestiku wieħed fuq membru domestiku ieħor, inkluż kull omissjoni li tikkaġuna ħsara fiżika jew morali lill-ieħor; kif ukoll li l-appellant u Elena Caruana huma membri domestiċi in kwantu mizzewgin u għandhom tifla bejniethom

nonnostante ma tghallimx minn din l-esperjenza u rega' qieghed il-Qorti akkuzat b'offiza fil-konfront ta' martu. Jidher ghalhekk li l-appellant ma tghallimx mill-oportunitajiet li inghataw lilu biex jirriforma ruhu u ghalhekk ma thossx li hemm raguni 'l ghaliex ghandha tbiddel il-piena moghtija mill-ewwel Qorti .

Ghaldaqstant din il-Qorti qeda tikkofnema is-sentenza molghtija mill-ewwel Qorti kemm fir-rigward tal-mertu kif ukoll fir-rigward tal-piena inflitta.

Dwar l-ghoti tal-Ordni ta' Protection Order ai termini tal-artikolu 412C tal-Kap 9 fil-konfront tal-parte civile jinghad li l-Qorti thoss li hija bzonnjuza f'kaz bhal dan fejn jidher li l-problemi bejn il-konjugi ilhom ghaddejjin ghal zmien konsderevoli u ghalhekk in vista ta' din il-kundanna l-Qorti thoss il-htiega li tipprotegi l-parte civile u ghalhekk qed tikkonferma l-ghoti taghha ghall-istess perijodu massimu ta' tlett snin. Jinghad ukoll li l-garanzija imposta mill-ewwel Qorti ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta isservi bhala deterrent sabiex izomm lill-appellant milli jirrepeti agir konsimili bhal dan fil-kaz odjern u ghalhekk tikkonferma l-obbligazzjoni li ma jimmolestax, ma jdejjaq u ma jingurjax lill-parte civile Elena Caruana ghall-perijodu ta' sena taht penali ta' elfejn euro ( €2,000) fin-nuqqas.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur